BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 05/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 20 ta' April 2010 fis-6.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **Is-Sur Jesmond Borg**<br>Il-Kamra aċċettat ir-raġunijiet tal-Kunsillier sabiex jiġi skużat - (Ittra annessa) |

## AĠENDA -1

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 04/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. R.Zahra ippropona u S.Cuschieri issekondat mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## AĠENDA -2

*01/04 -* L-Għaqda Mużikali San Pietru Fil-Ktajjen ressqet, permezz ta' ittra, id-diżappunt tagħha fir-rigward ta' nhar il-31 ta' Marzu fejn waqt iċ-ċerimonja ta' Jum Il-Ħelsien kien hemm idoqqu grupp ta' bandisti jirrappreżentaw lis-Soċjeta' Filarmonika San Pietru. Il-Kamra ddiskutiet id-diversi punti li ssemmew f'din l-ittra u qablet li, la s-Soċjeta' Filarmonika San Pietru offriet is-servizzi tagħha mingħajr ħlas, ma kien hemm xejn ħażin li ddoqq f'din l-okkażżjoni.

*02/04 -* Inspire li hi l-għaqda ta' bejn ir-Razzett tal-Ħbiberija u l-Eden Foundation qegħda tinforma l-Kunsill fuq attivita' li ser torganizza ġewwa Birżebbuġa. Din l-attivita' ser tagħti opportunita' ta' *sailing* aċċessibbli lil persuni b'diżabilita' permezz ta' żewġ dgħajjes mibnija apposta. Huma qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill sabiex jiddiskutu l-possibbilta' li jinawguraw dan il-proġett speċjali flimkien. Il-Kamra laqgħet din it-talba u ser tiltaqa' ma' din l-għaqda nhar it-Tlieta, 4 ta' Mejju 2010 fis-6.30pm.

03/04 - Tressqet talba mis-Soċjeta' Filarmonika San Pietru sabiex nhar is-Sibt, 5 ta' Ġunju 2010 jorganizzaw attivita' folkloristika fi Ġnien L-Indipendenza. Il-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni u laqgħet din it-talba bil-kundizzjonijiet segwenti :

- Il-volum tal-Mużika jinżamm prudenti
- L-attivita' u l-mużika ma jeċċedux il-11.00pm
- Il-post irid jitħalla nadif
- Iridu jiġu provduti *bins* adegwati min-naħa tagħhom
- Jinġiebu l-permessi meħtieġa kollha

***AĠENDA -3***

Minħabba li għadhom għaddejjin kjarifiki bejn l-Awdituri tal-Gvern u l-*Accountants* tal-Kunsill, Erremme Business Advisors, is-Segretarju Eżk. għadu ma jistax iressaq fuq il-mejda tal-Kamra, il-*Final Management Letter* u r-risposta għaliha.

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' April 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €57877.47 titħallas skond Skeda Nru. 04/10.

***AĠENDA -5***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :

- fir-rigward ta' self ta' flus lil GAL Xlokk, li ġie diskuss f'Seduta preċedenti, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma tax l-approvazzjoni tiegħu.

- l-amministrazzjoni ser toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għal

  - Servizz għal tindif ta' *promenade b'Mechanical Sweeper*
  - Provista ta' Linka/*Toners/Fax Rolls*
  - Provista ta' *Garbage Bags*
  - Printing u Provista ta' *Letterheads* u *Complimentary Slips*
  - Provista ta' *Photocopy Paper*

  Kulħadd qabel.

- is-Sur Natalino Attard mhux ser jibqa' d-Direttur għad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

- li wasal iż-żmien sabiex inġeddu l-*Health Scheme* mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

- li tressqet petizzjoni minn xi wħud mir-residenti li joqogħdu fi Triq Iż-Żibra sabiex issir *sleeping policeman* fl-istess triq. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li minħabba d-diversi toroq li fihom periklu għanda tinkiteb ittra lit-Trasport Malta sabiex tintalab għajnuna għal *Traffic Calming* f'diversi żoni ġol-lokal. R.Zahra irrimarka li Triq San Ġwann hi waħda minn dawn it-toroq li fihom periklu u għalhekk għanda tiġi nkluża.

2. J.Baldacchino talab lil Kamra sabiex tapprova *budget* ta' €500 għall-attivita' ta' Jum L-Omm li ser issir nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Mejju 2010. Il-Kamra laqgħet din it-talba.

3. B.Pace infurmat il-Kamra li l-ispiża għall-plakka u l-ktieb li ser ittella' magħha flimkien mas-Sindku u l-Kunsillier J.Borg għal programm ġewwa Porto San Giorgio hi ta' €75. Il-Kamra aċċettat din l-ispiża.

4. Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-ħruġ tal-*magazine* tal-Kunsill, fejn id-dħul kien ta' €1074 u l-ħruġ kien ta' €1723. Għaldaqstant il-Kamra approvat diskrepanza ta' €649.

.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar it-Tlieta, 25 ta' Mejju 2010 fis-6.00pm. .

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **..............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## *Schedule of Payments 04/10*

## *Period 01/04/2010 till 30/04/2010*

| Cheque | To | For | Amount Euro |
|---|---|---|---|
| 7874 | Birzebbuga Primary School | Funds from Bookfair | 200.00 |
| | Fenech Charlie | Tipper Truck Mar 10 | 1386.00 |
| | Elmein Ltd. | Maintenance Lift | 421.97 |
| | Michael Magro | Extra Work - Re School Tent | 42.00 |
| | J Farrugia Ironmongery | Various Hardware Goods | 550.96 |
| | Raymond Vella | Extra Work - Re School Tent | 42.00 |
| | Agenda Bookshop | Book Re Library Presentation | 10.50 |
| | James Aloisio | Desk Microphones - 2 pieces | 210.00 |
| | Smart Office Supplies Ltd | Stationery | 513.30 |
| | Joseph Grech | Quantity Surveyor - Triq Xoghol, Ghodda | 853.61 |
| 7944 | Faith Hope and Charity Gift Shop | Mother's day gifts | 168.00 |
| 7944 | Chossey DVD | Printer Ink | 156.00 |
| | Carmen Debattista | Library opening - Feb & March 10 | 174.90 |
| | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 70.00 |
| | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 70.00 |
| | Pauline Ellul | Office Cleaning - Mar 10 | 95.00 |
| | MG Pulis | Parts | 38.96 |
| | Nexos | Lighting Repairs | 309.70 |
| | MITA | Maintenance & Support | 75.05 |
| | Tino 2000 | Office Supplies | 27.85 |
| | Duraprint | Stationery | 187.62 |
| | Lawrence Attard | Photocopier Repair | 58.00 |
| | Hightech Office Repairs | Photocopier Repair | 50.00 |
| | Andrew Fleri Sloler | Toner | 110.00 |
| | Alfred Schembri & Sons | Coated Stones | 2549.39 |
| | Audio Images | Office Supplies | 29.50 |
| | Kumitat Konġunt Kunsilli Lokali | Local Warden Services Jan & Feb '10 | 11828.05 |
| | WasteServ Malta Ltd | Hire of Bins - Feb 10 | 66.98 |
| | WasteServ Malta Ltd | Tipping Fees - Feb 10 | 4019.01 |
| | Information Technology Services Ltd | Sage Line 50 Consultancy | 76.70 |
| | Cutajar Raymond | School Hall Hiring | 265.32 |
| | MEPA | Topographic Survey Information - San Gorg | 908.25 |
| | Erremme Business Advisors | Professional Services Feb - April 10 | 350.00 |
| | Ronald & Chris Bezzina | Bulky Refuse - March 10 | 138.00 |
| | Roc-A-Go Crane Services | Hire of Skip | 59.00 |
| | Water Services | Water & Electricity - Gnien il-Kunsill | 322.58 |
| | Swallow Garage | Lifter Day Center | 111.80 |
| | JM Installations | Lighting Repairs | 933.01 |
| | GO | Telephone Expenses | 396.17 |
| | Alfred Schembri & Sons | Triq L-Ghodda Resurfacing | 29940.00 |
| | Vodafone Malta Limited | Mobile Expenses (Feb & Mar '10) | 62.29 |
| | | **Total Paid** | **57877.47** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**